**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Diċembru 2023

Rikors Numru: **292/21/2**AL

A B
**Vs**
**DR CHARMAINE CHERRET U PL GERALD BONELLO NOMINATI B'DIGRIET TAT-12 T'APRIL 2022 BIEX JIRRAPREŻENTAW L-ASSENTI C B U B'DIGRIET TAS-17 T'AWWISSU 2022 D sive D B ASSUMA L-ATTI BIEX JIRRAPPREŻENTA LIL C B**
**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 3036/2017)**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors tal-attriċi A B, datat 10 t'Awwissu, 2022, li permezz tiegħu ppremettiet:

*Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sittax ta' Settembru 2017 (16. 09.2017), fil-knisja ta' San Mark ir-Rabat, u minn tali żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;*

*Illi din hija kawża ta' seprazzjoni fejn l-esponenti talbet ukoll lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

*Illi ż-żwieġ huwa rregolat bil-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi l-partijiet qed jgħixu ħajja separata minn xulxin, u dan wara li l-konvenut C B abbanduna d-dar matrimonjali fl-4 ta' April 2019 mingħajr raġuni valida u għaldaqstant il-konjuġi ma baqgħux jikkonvivu flimkien sa minn dakinhar;*

*Illi l-intimata titlob li l-komunjoni tal-akkwsiti presentement eżistenti bejn l-konjuġi tiġi mwaqqfa u tterminata qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi dina t-terminazzjoni għandha ssir b'effett immedjat permezz ta' sentenza li tingħata minn dina l-Qorti skont Artiklu 55(2) tal-Kodiċi Ċivili , Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi t-terminazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti għandu jġib benefiċċju in kwantu mhux biss tevita li l-ebda parti ma tagħmel dejn li jiġi attribwit lill-komunjoni, iżda wkoll tgħin sabiex l-esponenti tirriakwista d-dritt illi tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u/jew approvazzjoni tal-konvenut.*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, b'effett mid-data tas-sentenza;*
2. *Tordna li l-ordni ta' waqfien taħt l-artikolu 55 tal-Kap 16 tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;*

*Salv għal dawk il-provvedimenti li dna l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Illi għalhekk permezz tar-rikors tagħha r-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili[1], tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Cassar.

Ir-rikorrenti tispjega illi hija għandha interess li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. Issostni illi t-talba tagħha bl-ebda mod m'hija ser tippreġudika lill-intimat.

Rat illi l-intimat minkejja li ġie debitament notifikat[2] bir-rikors tar-rikorrent, ma ppreżentax risposta;

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat- 13 ta' Ġunju 2023, ir-rikors ġie mħolli għas-sentenza għas-seduta odjerna;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B u dana *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti tisħaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa` din it-talba tagħha u dan stante li ħadd mill-partijiet m'hu ser ibati preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naħa tiegħu, l-intimat ma jikkontestax it-talba għad-dikjarazzjoni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta` sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. L-Artiklu 55(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ighid hekk:-

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2]vide Fol 25 sa 38;

***"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Il-Qorti trid neċessarjament, qabel ma tgħaddi għas-sentenza, tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jghid:

***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Bħala regola allura, il-Qorti għandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

Fil-każ odjern, ir-rikorrenti tiddikjara minn jeddha li ħadd mill-partijiet mhu ser ibati ebda preġudizzju, fil-waqt illi l-intimat ma vvanta ebda oġġezzjoni għat-talba tal-attriċi u lanqas ma ressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti xi lment ta' preġudizzju li ser ikun lilu kkawżat; In vista ta' dan, il-Qorti ma tarax li xi parti tista' tbati xi preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni eżistenti bejniethom.

Il-Qorti mhi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigore millum 'il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi</u>[3], it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.

Il-Qorti tara li fiċ-ċirkustanzi, u tenut kont tal-fatt li m'hemm ebda oppożizzjoni, m'hemm l-ebda raġuni għala wieħed jista' jargumenta li xi wieħed jew waħda mill-partijiet ser isofri xi preġudizzju. Konsegwentement, il-Qorti ma tarax

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.

Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni.

**DEĊIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, hekk kif dedotti fir-rikors tagħha datat 10 t'Awwissu, 2022, u konsegwentement *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Għal kull buon fini, il-Qorti tiddikjara illi r-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet mill-istess data, huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

Bl-ispejjeż dwar din is-sentenza jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

Ir-rikorrenti għandha, a spejjeż tagħha, tinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza u dan fi żmien xahar millum.